# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 290/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Victor Farrugia**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat li l-appellant **Victor Farrugia**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 657053(M), ġie akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

fis-26 ta' Novembru 2020 għall-ħabta ta' 10:00hrs u fi ġranet u l-ħinijiet ta' qabel waqt li kien qiegħed ġewwa l-inħawi taż-Żurrieq u fil-gżejjer Maltin, ma ssodisfax il-kondizzjonijiet fil-proġett tal-Gvern għar-riċerka fuq seba' speċi ta' l-għasafar ta' l-Għana fil-ħarifa ta' 2020 maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-

Għasafar Selvaġġi skont Avviż Legali Numru 399 ta' l-2020 u kull liġi oħra ċioè:

bħala persuna liċenzjata u awtorizzata sabiex tipparteċipa fil-proġett ta' riċerka għas-seba' speċi ta' l-Għasafar ta' l-Għana, għamel użu minn mansab li ma ġiex reġistrat f'ismu għas-sena 2020 fl-istadju ta' l-applikazzjoni, bi ksur ta' kondizzjoni numru 8 tal-Liċenzja Speċjali hekk kif mitlub minn Regolament 7(d) ta' Avviż Legali 399 ta' l-2020.

Il-Qorti ġiet mitluba illi barra li tagħti l-piena taħt ir-Regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġ taħt ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Ġunju 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Regolamenti 7(k), 8(3) u 9 tal-Avviż Legali 399 tas-sena 2020 kif ukoll Regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006, illiberat lill-imputat mit-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu filwaqt li sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u konsegwentement ikkundannatu għall-piena ta' multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200) li b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50) fix-xahar. F'każ li l-ħlas kien ħa jsir b'rati mensili, l-Ewwel Qorti ordnat li l-ewwel pagament kellu jsir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ ikun dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi. Finalment, fit-termini ta' Regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006, l-Ewwel Qorti ordnat ukoll is-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-24 ta' Ġunju 2022 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell u tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-16 ta' Ġunju 2022 fl-ismijiet premessi billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant ma nstabx ħati li għamel użu minn mansab li ma ġiex reġistrat f'ismu għas-sena 2020 fl-istadju ta' l-applikazzjoni, bi ksur ta' kondizzjoni numru 8 tal-Liċenzja Speċjali hekk kif mitlub minn Regolament 7(d) ta' A.L. 399 ta' l-2020 (hekk imsejħa t-tieni imputazzjoni) u billi tirrevoka u tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellant ħati li kien qed jonsob b'għasafar mingħajr ċrieket (l-hekk imsejħa l-ewwel imputazzjoni) u tiddikjarah mhux ħati skont il-liġi tal-akkuża kif miġjuba kontra tiegħu u dan għar-raġunijiet hawn fuq premessi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appellant jilmenta li ċ-ċitazzjoni mkien ma ssemmi li huwa kien qed jitħarrek minħabba li kellu għasafar użati għall-insib. Huwa jilmenta wkoll li minkejja li l-Ewwel Qorti sabitu ħati ta' dik li hija ssejjaħ bħala l-ewwel imputazzjoni u ma sabitux ħati ta' dik li hija ssejjaħ bħala t-tieni imputazzjoni, fil-verita' kien hemm biss imputazzjoni <u>waħda</u> quddiem il-Qorti u mhux tnejn b'dan illi t-tieni paragrafu fiċ-ċitazzjoni jelabora fuq dak ta' qablu u xejn aktar.

Illi l-appellant jagħmel riferenza għal dak li huwa jgħid li huwa Artikolu 358(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jikkwotah

b'dan illi l-Qorti tinnota li dak ikkwotat minnu effettivament mhuwiex Artikolu 358(2) pero' huwa Artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sub-Artikolu jgħid x'għandu jkun fiha ċ-ċitazzjoni.

Illi dwar l-applikabilita' ta' Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-15 ta' Ottubru 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emmanuele Azzopardi** (Numru 297/2017) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "41. Din il-Qorti taqbel mal-posizzjoni adottata mill-Imħallef Harding fis-sentenzi tiegħu fejn saħaq li l-ġurisprudenza regolanti ċ-ċitazzjoni, bażata kif inhi fuq il-*ius receptum*, tisħaq fuq il-fatt li fejn ikun hemm diskrepanza bejn dak imniżżel fiċ-ċitazzjoni għal dak li jirriżulta fil-kwerela u quddiem il-Qorti, huwa dak li jirriżulta quddiem il-Qorti li jipprevali u mhux dak li jkun miktub fiċ-ċitazzjoni, sakemm ma jkunx hemm diskrepanzi kbar tali li l-akkuża ma tkunx sostenibbli. Dak li l-imputat fi proċediment quddiem il-Qorti tal-Maġistrati[1] għandu dritt għalih huwa li, meta jirriżulta li hemm diskrepanza bejn dak li hemm fiċ-ċitazzjoni u dak li jirriżulta mill-provi, jingħata l-opportunita' li jiddefendi ruħu dwarha, u dan sakemm dik id-diskrepanza, ossija *variance* ma tkunx tirrendi l-imputazzjoni tant inċerta li allura tkun nulla minnha nnifisha."

Illi fil-każ odjern iċ-ċitazzjoni tagħmel riferenza għal fatt li l-appellant ma ssodisfax il-kondizzjonijiet fil-proġett tal-Gvern għar-riċerka fuq seba' speċi ta' għasafar billi ma użax mansab li kien irreġistrat fuqu. Il-Qorti hija tal-fehma li dan huwa nieqes minn kull dettall dwar il-fatt li l-appellant kien ġie mixli l-Qorti minħabba li kellu għasafar mingħajr ċurkett.

[1] Skont l-Artikolu 374(i)(i) kif ukoll reż applikabbli għal proċedimenti *ex officio* bl-Artikolu 375(ċ) jew bl-Artikolu 390(1) tal-Kodiċi Kriminali fil-proċedimenti istruttorji.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta wkoll li jissemma ripetutament li l-appellant instab b'għasafar li ma kellhomx ċurkett u li dan imur kontra r-regoli tal-liċenzja speċjali. Minbarra dan mir-rapport tal-Pulizija (*a fol.* 3 *et seq.*) u mill-affidavit ta' PC 47 B. Briffa (Dok. "X5" – *a fol* 17) jirriżulta li l-appellant kien ġie nfurmat li kien ser jiġi akkużat talli kellu għasafar bla ċurkett fuq mansab għal għasafar tal-għana.

Illi fil-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fit-28 ta' Frar 2022 (*a fol.* 15 *et seq.*) hemm imniżżel hekk: *"Il-Prosekuzzjoni qrat bil-ġurament l-akkużi."* Ma huwiex ċar jekk dawn l-"akkużi" kienux jinkludu biss dak indikat fiċ-ċitazzjoni jew kienx hemm xi ħaġa oħra. Dan joħloq dubju in vista ta' liema l-Qorti ser tapplika l-prinċipju *in dubio pro reo.* Anke fis-sottomissjonijiet li saru mill-Prosekuzzjoni quddiem din il-Qorti, il-Prosekuzzjoni qablet dwar dan in-nuqqas b'dan illi mill-analiżi li għamlet din il-Qorti hija tal-fehma li d-diskrepanza li hemm bejn l-imputazzjoni u l-fatt li nstabet ħtija fuqu hija tant wiesgħa li hemm inċertezza fl-istess imputazzjoni.

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti ser tilqa' l-appell imressaq mill-appellant.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn ma nstabitx ħtija fl-appellant f'dik il-parti li l-Ewwel Qorti ssejħilha bħala t-tieni imputazzjoni, tħassar u tirrevoka l-ħtija f'dik il-parti li l-Ewwel Qorti ssejħilha bħala l-ewwel imputazzjoni u minflok tiddikjara lill-appellant mhux ħati ta' dak li huwa ġie akkużat bih quddiem l-Ewwel Qorti u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |